

Brussell, 15 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11076/25
PV CONS 38
ENV 639
CLIMA 238
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
17 ta' Ġunju 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9996/25.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

Lista mhux leġislattiva

10043/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw
Approċċ ġenerali



10092/25 + ADD 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif jinsab fid-dokument 10391/25.

Il-Finlandja, il-Ġermanja u n-Netherlands ippreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġislattivi

4. L-UE fil-COP30 - rendikont u t-triq 'il quddiem
Skambju ta' fehmiet

9704/25

Affarijiet oħra

5. a) Rapport dwar laqgħa internazzjonali reċenti ewlenija [2]

Konferenza Trippla tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' 10215/25
Basel (COP 17), dik ta' Rotterdam (COP 12) u dik ta'
Stokkolma (COP 12)
(Ġinevra, l-Iżvizzera, 28 ta' April - 9 ta' Mejju 2025)
Informazzjoni mill-Presidenza u mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

b) Appoġġ għar-riċiklaturi fil-kuntest ekonomiku attwali [2] 9967/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

c) Strateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma [2] 9932/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni 9951/25 + ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

d) Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Oċeani [2] 10272/25
(UNOC-3)
(Nizza, Franza, 9 - 13 ta' Ġunju 2025)
Informazzjoni minn Franza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza u l-Kummissjoni.

e) Il-projbizzjoni proposta fuq iċ-ċomb fil-munizzjon u t- [2] 9964/25
tagħmir tas-sajd skont ir-Regolament REACH
Informazzjoni miċ-Ċekja, il-Litwanja u s-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, il-Litwanja u s-Slovakkja, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-Danimarka

- g) **Sejħa għal espressjonijiet ta' interess – Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (terminu 2026–2030)**  10139/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- h) **Valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-Pjanijiet Nazzjonali finali għall-Enerġija u l-Klima**  10058/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- i) **Rapport dwar il-laqgħa tal-MED9 tal-Ministri għall-Enerġija u l-Ambjent (Portorož, is-Slovenja, 1 u 2 ta' Ġunju 2025)**  10087/25
Informazzjoni mis-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovenja.

- j) **It-tnedija ta' ħidma preparatorja għal att delegat tal-ESPR dwar kommutatur ta' vultaġġ għoli**  10202/1/25 REV 1
Informazzjoni mill-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Ungerija u l-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Ungerija u l-Iżvezja.

-
-  L-ewwel qari
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punt leġislativ "B" li jinsab fid-dok. 9996/25

Dwar il-punt "B"
nru 3:

**Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u
dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw**
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA

"Il-Finlandja tapprova l-approċċ ġenerali u tappoġġa l-oġettivi tar-regolament li jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fl-industrija tal-karozzi u jiżguraw trattament ambjentalment sostenibbli tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Filwaqt li l-approċċ ġenerali jipprovdi bażi tajba għal aktar negozjati bejn il-koleġislaturi, aħna nissottolinjaw l-importanza tal-kwistjonijiet t'hawn taħt fin-negozjati li ġejjin.

L-ewwel nett, jiddispijčina li t-test ma jippermettix lill-Istati Membri jirregolaw il-fatt li l-faċilitajiet tat-trattament awtorizzati jistgħu jiġbru u jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw f'każ biss li jkun kkonkludew kuntratt ma' produttur jew organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi. Dan huwa essenzjali għalina peress li l-iskema attwali tagħna ta' responsabbiltà estiża tal-produttur li tiffunzjona tajjeb hija bbażata fuq dan ir-rekwiżit u tippermetti t-traċċabbiltà tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-parts tagħhom mill-konsenja sat-tqattigħ.

It-tieni nett, ninsabu kuntenti li l-mekkaniżmu tal-allokazzjoni tal-kostijiet għall-vetturi li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru ieħor żviluppa fid-direzzjoni t-tajba matul in-negozjati. Madankollu, għadna mħassbin dwar l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu u l-piż bla bżonn li dan jikkawża lill-produtturi u lill-awtoritajiet.

Fl-aħħar nett, nenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet relatati mal-penali biex jiġi żgurat infurzar effettiv tar-regolament."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Fil-fehma tal-Ġermanja, il-klawżola mera li tinsab fil-proposta ta' kompromess tal-Presidenza għal approċċ ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u li jħassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE, hija problematika mil-lat tal-politika kummerċjali, peress li taġixxi bħala strument protezzjonist billi toħloq ostakli għall-kummerċ. Għaldaqstant, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tqisx li tali klawżola hija adatta biex tiżgura l-protezzjoni neċessarja tas-suq intern.

Għal din ir-raġuni, il-Ġermanja tappella għal valutazzjoni tal-impatt immedjata tal-klawżola mera, inkluż l-impatt mil-lat tal-politika kummerċjali u d-dritt kummerċjali, l-impatt fuq l-industrija tal-UE u pajjiżi terzi, u kwistjonijiet ta' implimentazzjoni.

Minkejja dan it-tħassib, il-Ġermanja taqbel mal-proposta ta' kompromess tal-Presidenza għal approċċ ġenerali fl-ispiritu ta' kompromess ġenerali. L-inklużjoni tal-klawsola mera fl-approċċ ġenerali ma tikkostitwixxix preċedent għal leġislazzjoni jew ftehimiet ta' kummerċ ħieles futuri."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS

"In-Netherlands jappoġġaw bis-sħiħ ir-Regolament dwar il-Vetturi li ma Għadhomx Jintużaw u l-għan tiegħu li jippromwovi disinn tal-vetturi u l-immaniġġjar tal-iskart li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent permezz ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-pożizzjoni tal-Kunsill proposta dwar ir-Regolament, in-Netherlands iridu jirriflettu li b'mod ġenerali jeżerċitaw trażżin fl-introduzzjoni ta' klawżoli mera jew miżuri simili fir-rigward tal-istandards tal-produzzjoni. Filwaqt li t-tali miżuri jistgħu jkunu ġustifikati u meħtieġa biex iservu objettivi leġittimi ta' politika, jenħtieġ li dejjem ikunu proporzjonati, immirati u konsistenti mar-regoli tad-WTO. Fid-dawl tal-kuntest speċifiku u l-importanza ġenerali tar-Regolament propost, in-Netherlands jistgħu jappoġġaw il-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 6 fir-Regolament dwar il-Vetturi li ma Għadhomx Jintużaw. Madankollu, huwa essenzjali li l-konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati għas-sħab kummerċjali tal-UE u l-piż amministrattiv għall-imprendituri tal-UE u mhux tal-UE jinżammu f'livell minimu. Għaldaqstant, huwa importanti li l-Kummissjoni timmonitorja l-effetti tal-klawżola mera tal-ELV fir-rigward tal-istandards tal-produzzjoni dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE u li żżomm il-konformità mal-obbligi kummerċjali internazzjonali."
